# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Diċembru 2023

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għall-persuni b'diżabilità biex is-soċjetà tqegħidhom fiċ-ċentru tal-attenzjoni tagħha u toffri programmi inklużivi li jagħtu importanza lill-parteċipazzjoni attiva tagħhom.**

**Ninġabar:**
Nieħu ftit tal-ħin biex ninġabar u niffoka biex nħalli l-preżenza ta' Alla tmexxini fit-talb. Naħseb ftit dwar persuni b'diżabilità li naf jew li ltqajt magħhom u nirrifletti dwar kemm is-soċjetà qed tkun miftuħa għall-potenzjal tagħhom u kemm fil-fatt qed ikunu inklużi f'kull settur tal-ħajja.

**Fatt ċkejken:**



Liliana kienet ilha ttella' u tniżżel kif se tfiehem lin-nies x'kellha f'moħħha. Ta' spiss kienet tħoss li n-nies jarawha li hi inqas minn ħaddieħor għax għandha diżabilità intelletwali. Jekk it-tabib qed jagħmlilha viżta, isaqsi lil ommha x'sintomi għandha flok lilha dirett. Jekk qiegħda f'restorant, il-wejter isaqsi lil sħabha x'se tiekol. L-istudenti tal-iskola jassumu li jridu jieħdu ħsiebha f'kull aspett, qishom qed jieħdu ħsieb lil oħthom iż-żgħira. Jekk hemm ċirkolari, iridu jispjegawielha daqslikieku ma tafx taqra. Jinsew kemm Liliana tħobb taqra u tikteb poeżiji sbieħ. Meta l-iskola organizzat *clean day*, kważi ma riduhiex tieħu sehem li ma tmurx tweġġa'. Jinsew li Liliana hija attiva ħafna f'organizzazzjoni ambjentali u tħobb l-avventura, speċjalment l-*abseiling*. Issa hemm sejħa għall-kunsill tal-iskola u Liliana mħajra tkun kandidata. Dubjuża dwar jekk tidħolx għal din l-opportunità; ma tridx li jivvutawlha għax jitħassruha. Min-naħa l-oħra, kif se tikkonvinċi lill-istudenti kemm għandha kontribut x'toffri f'ħafna oqsma u mhux dwar diżabilità biss? U l-kunsill kif se jeħodha?

**Naħseb ftit:**
Għaliex il-persuni b'diżabilità jsibu ruħhom f'dubju dwar kif ħaddieħor se jħares lejhom meta jippruvaw ikunu attivi fis-soċjetà? L-istituzzjonijiet qegħdin jagħtu valur lill-persuni b'diżabilità u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tagħhom f'oqsma differenti?

**Nitlob:**
Mulej, agħtina l-għerf biex nagħrfu nħarsu lejn il-persuna, qabel ma nagħlqu l-bieb tal-opportunità minħabba xi diżabilità. Għinna nkunu strument biex il-persuni b'diżabilità ikollhom l-ispazju kollu fis-soċjetà biex jagħtu l-kontribut tagħhom bħala ċittadini attivi.

**Kliem ta' dawl:**
Il-familja tal-umanità tkun kompleta meta kulħadd ikun inkluż. *Curt Armstrong*

**X'nista' nagħmel:**
Jekk naf xi persuna li għandha diżabilità, infittex li nagħraf il-potenzjal tagħha u noħloq l-ispazju meħtieġ biex tkun inkluża f'kull attività. Meta nkun fuq il-midja soċjali, infittex li nqajjem għarfien dwar l-importanza tal-inklużjoni konkreta fis-soċjetà tagħna.